# It-Titular ta' fuq l-Altar Maġġur



Salvatore Mousù

Diġà sa mill-bidu tal-Franġiskaneżmu, din l-Ordni kienet minn tal-ewwel, jekk mhux ukoll l-ewwel, li ntefgħet b'ruħha u ġisimha għat-teorija, li biż-żmien saret realtà dommatika, li Ommna Marija kienet sa mill-mumenti tal-konċepiment tagħha "imnissla mingħajr ħtija". B' dan irrid nuri kemm u għaliex din l-Ordni kellha u għad għandha din ir-rabta intima u storika mal-Immakulata Kunċizzjoni. Għid 'din l-ordni' imma aħjar nispeċifika aktar li għaliex kif jaf kulħadd sa mill-bidu tal-fondazzjoni u sussegwentement nuqqas ta' qbil u nterpretazzjoni tar-Regola ġabru firdiet u ħolqien ta' diversi Ordnijiet Franġiskani u fosthom il-Kapuċċini. Dawn qishom wirtu u bħal speċjalizzaw ruħhom fit-tagħlim u effettivament fid-devozzjoni ta' dan it-titlu tal-Madonna u allura kull meta jissemma tista' tgħid li bilfors tinvolvi lill-patrijiet tal-Kapuċċini.

Qed insemmi dal-punt għaliex permezz tiegħu nistgħu nifhmu u forsi anki napprezzaw id-dedika tal-parroċċa tagħna li bla dubju meta ġie biex jingħażel fil-bidu tal-kostruzzjoni tal-knisja żgur li kien qajjem kontroversja - infatti per eżempju il-kbir benefattur u bennej tat-tempju tagħna ried li tissejjaħ għad-Duluri u oħrajn riedu ħaġ'oħra. Imma xi wħud mill-ewlenin Kapuċċini riedu il-Konċezzjoni u mhux biss anzi taħt it-titlu ta' Lourdes u dan ukoll fih ir-raġuni tiegħu peress li huma kienu l-ewlenin propagaturi tad-devozzjoni tad-dehriet tal-Madonna f'dak ir-raħal Franċiż, ġewwa Malta.

Meta, mid-dehra, il-maġġoranza aċċettat dan it-titlu, il-Kapuċċini riedu ovvjament anki juri viżwalment din ir-rabta tagħhom mal-Kunċizzjoni u għaldaqstant mal-Madonna ta' Lourdes, u għaliex speċifikament il-Madonna ta' dan ir-raħal (illum belt)? Ir-raġuni hi li ma rridux ninsew id-dikjarazzjoni preċiża ta' Ommna Marija meta ċar u tond qalet lil Bernardetta: "Jiena, jien l-Immakulata Kunċizzjoni!" Dikjarazzjoni li kienet ilha tħawwad xi ftit l-imħuħ anki ta' moralisti kbar Kristjani u fi żmien meta x-xettiċiżmu anjostiku Ewropew kien qed javvanza bil-kbir; hux 'il bogħod minn dak tagħna tal-lum niftehmu! Raġuni oħra hija li kif issuġġerejt il-Kapuċċini kienu l-ewwel li daħħlu fil-Gżejjer Maltin id-devozzjoni ta' dil-Madonna infatti hawn min jgħid li l-ewwel statwa proċessjonali tal-Madonna ta' Lourdes hija dik tal-knisja ta' San Publiju fil-Furjana li probabbilment kienet 'imbuttata' mill-Kapuċċini tal-istess subborg.

Mela issa li sirna nafu r-raġuni tal-għażla tal-Madonna ta' Lourdes bħala patruna prinċipali ta' San Ġwann l-ewwel pass għal fuq l-artal maġġur kien dak tal-pittura li naturalment kellha tesponi meta tkun lesta xena li tirrappreżenta lill-Madonna fid-dehra lil Bernardetta Soubirous. Imma qabel nitkellmu dwar il-kwadru ta' min jinnota hawn referenza u relazzjoni mat-tliet pitturi fin-nofs tond tal-kor. U dan jinsab eżattament faċċata fl-isfond estrem tal-knisja jiġifieri fid-daħla.

*L-iskema bbażata fuq triangulari li uża l-pittur Briffa bħala kompożizzjoni tat-titular*



Fuq il-bieb ta' barra fejn hemm l-orgni, jew suppost li hemm dan l-istrument, jekk inħarsu darna lejn l-altar naraw tliet vetrati (xeni fuq il-ħġieġ tat-twieqi) li jirrappreżentaw fin-nofs l-Immakulata Kunċizzjoni ibbażata fuq l-oriġinal ċelebri tal-Murillo u f'kull ġenb tagħha il-qaddis fundatur San Franġisk imsieħeb fil-vetrata l-oħra minn Dun Scotus. Dan kien dak il-qaddis li għex qrib ħafna żmien San Franġisk u li kien u għadu magħruf bħala l-appostlu tal-Immakulata.

Hawn naraw allura l-introduzzjoni viżiva tal-Immakulata li qegħdha talludi għat-tliet xeni fl-oppost estrem tal-kor għall-Immakulata ta' Lourdes akkumpanjata minn żewġ 'trittiċi' ukoll *allusive* għall-kwadru ċentrali kif se naraw. Imma immorru għall-pittur li kien intagħżel ħalli jikklorifika l-altar maġġur.

Ried jingħażel pittur li 'l fuq minn ħamsin sena ilu kien popolari u attiv ħafna fl-arti pittorika tradizzjonali u dan kien Giuseppe Briffa. Huwa twieled Birkirkara fis-sena 1901 u għadd ħajtu iddedikata kollha kemm hi għall-parti pittorika matul is-seklu li ħriġna minnu fejn ħallielna numru sabiħ ta' pitturi f'bosta knejjes Maltin. Bħal kull pittur ieħor fil-produzzjonijiet tiegħu huwa kellu kif jgħidu l-Ingliżi *'his ups and downs'* imma meta ġie msejjaħ biex jesegwixxi t-titular tagħna huwa kien laħaq il-quċċata tiegħu u allura l-għażla kienet għaqlija u Giuseppe beda din l-opra tiegħu fix-xahar ta' Ġunju tas-sena 1959. Huwa ntefa' b'entużjażmu fuqha peress li kellu wkoll devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. Ma damx wisq għaliex f'ġimgħa qabel il-Milied, jiġifieri fis-sbatax ta' Diċembru tal-istess sena, kien lestieh u kollu ferħan f'dik il-ġurnata kien wasslu huwa stess fil-parroċċa. Tliet ijiem biss wara l-Arċisqof Gonzi kien ġie apposta biex sollennement ibierek il-knisja u waral-Barka Sagramentali, fost il-ferħ ta' kulħadd, huwa stess kien kixef u bierek dan il-kwadru. Għandna għax naħsbu li tant l-Arċisqof kif ukoll dawk kollha li kienu preżenti baqgħu ferm sodisfatti b'din il-preżentazzjoni ta' Briffa. Jakkumpanjaw dan il-kwadru inkixfu wkoll iż-żewġ *'trittiċi'* ta' kull naħa imma nitkellmu fuqhom aktar 'il quddiem.

Il-kwadru nistgħu inqisuh bħala l-aqwa opra artistika li tippossiedi l-knisja tagħna għallinqas għal dak li għandu x'jaqsam mal-pittra. Giuseppe hawn kien sobriju u maestuż fl-istess ħin bid-dixxiplina fil-kuluri u b'kompożizzjoni maħsuba fi stil partikulari tiegħu. Huwa kien iħobb ħafna jibbaża li *'stesura'* tad-disinn fuq it-trijangolu. Apparti mis-simboliżmu tat-trijangolu sa minn żminijiet imbegħda huwa għażlu wkoll bħala bażi ta' solidità fil-kompożizzjoni, b'dan irrid ngħid li peress li fl-art wkoll ikun hemm messaġġ jew messaġġi tal-konvinzjonijiet tal-artist kif esebixxa din it-tema Briffa jagħtina x'nifhmu kemm kien sod fi twemminu. Kif żviluppah imbagħad, jekk tosservaw sew, taraw li huwa ħoloq sens ta' vertikalità jiġifieri minn isfel għal fuq. Hekk biex niftehmu naraw lil Bernardetta fir-rokna t'isfel il-leminija li tieħu biċċa żgħir mill-kwadru u li hija kważi fil-livell tal-ispettatur tħares 'il fuq lejn id-dehra tal-Madonna. Din tal-aħħar imbagħad, min-naħa l-oħra, li tieħu parti kbira ferm mill-ispazju, tagħtina sens ta' għoli ċelestjali jiġifieri tas-sema. Biex ikompli jenfasizza dan l-aspett Briffa fil-pittura idaħħal ukoll il-logħob tal-kuluri jew aħjar in-nuqqas tagħhom għaliex b'kuntrast mad-daqsxejn ta' oskurità ta' Bernardetta jinfexx fi *bjudija tal-Madonna u tal-libsa tagħha*. U, biex inkun daqsxejn poetiku, il-pittur jisplodi, biex ngħid hekk, f'espożizzjoni ta' dawk li ovvjament huwa ġej mis-sema! Jien ninsab persważ li l-pittur ried jenfasizza dan il-fatt peress li huwa, forsi daqsxejn esaġeratament, infexx f'raġġiera solari madwar ras il-Madonna!

Hawn nixtieq naħtaf l-okkażjoni biex indaħħal nota personali rigward l-apprezzament jew aħjar id-diffikultà ta' apprezzament li tinħoloq minħabba fil-gumbrar li joħolqu l-gandlieri

bix-xemgħat twal tagħhom quddiem titulari u dediki tal-altari tagħna. Sakemm dawn kienu fi knejjes bi drawwiet antiki, ħeqq m'hemmx x'tagħmel, għalkemm in-nugrufun (ta' dari) kienu l-kawża ta' ħsarat kbar fil-pitturi. Imma meta kellna l-altar aktar 'il quddiem fil-knisja taghna ma kienx dan il-kas u għalhekk skużawni, ma kontx qbilt mat-twarrib kif sar illum, li l-gandlieri bix-xemgħat twal appuntu jfixklu xi ftit milli tara t-titular intier.

Semmejt fil-bidu u l-kunċizzjoni u r-rabta intima mal-Frangiskaniżmu u semmejt ftit wara ż–żewġ trittiċi jiġifieri ż-żewġ *'kwadri'* ta' kull naħa tat-titular. Dawn jien semmejthom bħala trittiċi li għaliex huma maqsumin b'żewġ kolonni fi tliet xeni żgħar li jiffurmaw xena waħda jew aħjar messaġġ wieħed. U x'relazzjoni għandhom mal-pittura prinċipali? Għandhom u bil-kif.

L-ewwelnett ma nistax ma nagħtix prosit lil min kienet ġietu din l-idea taż-żewġ suġġetti illustrati: suġġetti li nistgħu nsejħulhom ukoll avvenimenti storiċi daqskemm profetiċi. Il-fatt tal-konċepiment tal-Madonna bla ebda tebgħa kienet espliċitament manifestata bid-dikjarazzjoni tal-Papat u ikkonfermata minn Omma Marija Santissima innifisha ġewwa Lourdes u dawn iż–żewġ aspetti: Lourdes/Kunċizzjoni huma bħal iddikjarati mit-titular tagħna. X'seta' għaldaqstant ikun aktar adattat għal miegħu milli jiġu murija żewġ episodji li huma relatati direttament mal-fatt tal-*'Kunċizzjoni'*. L-ewwel wieħed - dak ta' fuq ix-xellug tagħna irid jurina l-oriġini tal-ħsieb Divin fil-ġnien tal-Għeden tal-konċepiment tal-Madonna filwaqt li dak tal-lemin tagħna jrid jillustralna t-twettiq tal-Inkarnazzjoni fit-Tħabbira tal-Anġlu Gabriel u l-aċċettazzjoni tal-Madonna, li kienet, nirrepeti, ġià purissima sa mill-konċepiment tagħha u għaldaqstant dak li ilna nitkellmu fuqu jiġifieri t-titolu tal-Immakulata Kunċizzjoni. Ta' min hawn jirreleva li bħala arti dawn iż–żewġ kwadri daqsxejn laterali ma jilħqux il-livell artistiku tat-titular forsi għax kienu ġew imposti fuq l-artist li kellu bilfors jara x'jagħmel biex iqabbilhom mas-sitwazzjoni taż-żewġ 'twieqi' foloz. Min jaf? Forsi qatt ma nsiru nafu peress li Giuseppe Briffa ilu mejjet. Hu x'inhu l-messaġġ huwa sublimi imma ferm aktar sublimi huwa t-titular li l-knisja tagħna tista' tiftaħar bih!

Maxims

High Street, Hamrun Tel: 2137 1973
P. P. Mifsud Street, Hamrun Tel: 2123 5500
Naxxar Road, San Ġwann Tel: 2137 1973